**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 284/2016 CFF**

**Abdullah Altlas**

**Vs**

**Luke Farrugia**

**Illum 24 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur l-ammont ta' sitt elef, hames mija u tlieta u sebghin Ewro u hdax-il centezmu (€6,573.11) rapprezentanti danni kkawzati lill-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBR 017 kif ukoll spejjez ta' kiri ta' vettura ohra fil-pendenza tat-tiswijiet kif ser jirrizulta mill-invoices annessi li minn provi ulterjuri li ser jingiebu.

Bl-ispejjez u l-interessi relattivi kontra l-konvenut li jibqa' minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat **ir-Risposta ta' Luke Farrugia** fejn espona:

1. Illi fl-ewwel lok jinkombi fuq l-attur li jaghmel prova tal-allegati danni sofferti minnu u li tali danni ma gewx kagunati minnu stess jew b'agir tieghu u ta' terzi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, l-esponent ma kkaguna l-ebda danni;

4. Illi l-ebda ammont m'huwa dovut mill-esponent rigward allegati danni li huwa sofra;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u minghar beda forma ta' ammissjoni ghat-talbiet tal-attur, l-esponent jirrileva li l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat u ezorbitanti tant li jinkludi ammonti li l-attur diga' ddikjara li ma thallsux u li mhux qieghed jitlobhom;

6. Illi l-esponent jirrileva li hu gie debitament notifikat biss u esklussivament bit-talba u l-avviz tas-smiegh izda bl-ebda document iehor li huwa msemmi fl-istess avviz u ghalhekk, l-istess esponent qieghed jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri dwar l-istess.

Salv eccezzjonijiet ohra.

**Sandro Gatt** jispjega illi Altlas Abdullah kien mar ghandu sabiex jixtri xi parts ghal vettura tieghu, liema parts kienu ghal vettura Transit.

**Etienne Mizzi** jispjega li huwa ghamel xi xogholijiet fuq vettura Ford Transit Mark 4 liema xogholijiet kienu jinkludu xoghol ta' banel beater u sprayer.

**Mohammed Aziz** jispjega li Altlas Abdullah huwa l-imghallem tieghu u Mohammed Aziz kien qed isuq il-vettura in kwistjoni meta allegatament, Luke Farrugia baqa' diehel f'dan il-vann. Jispjega illi Luke Farrugia gie wara l-vann li kien qed isuq Mohammed Aziz u nizel b'sikkina u beda' jaghti daqqiet lill-vann. Jghid li kienu gew il-pulizija u hadulu s-sikkina lil Luke Farrugia.

**Bassam Ibrahim** jispjega li Altlas Abdullah huwa l-imghallem tieghu u jikkonferma li kien passiggier fil-karozza ma Mohammed Aziz u kienu l-Bahrija, meta Luke Farrugia kien se jikkawza incident mal-vettura li kien qed isuq Mohammed Aziz. Mohammed Aziz waqqaf il-vettura tieghu stante li t-triq kienet imhaffra u Luke Farrugia gie minn warajhom, kellu sikkina u beda jaghti fuq il-karozza.

**Abdullah Altlas** jispjega li fid-9 ta' Jannar, 2016, Mohamed Aziz kien qieghed isuq il-vann tal-ghamla Ford Transit numru ta' registrazzjoni DBR 017 gewwa r-Rabat. Jikkonferma li huwa s-sid tal-vettura. Abdullah Altlas hallas l-ammont ta' €1416 lil Etienne Mizzi u s-somma ta' €4114.11 lil Sandro Gatt. Appati hekk, huwa hallas lil Godwin Garage l-ammont ta' €675 bhala spejjez tal-kiri ta' vettura alternattiva sakemm tissewwa l-vettura tieghu.

**Dr. Katya Vassallo** pprezentat sett ta' citazzjonijiet li wheel Altlas Abdullah mid-9 ta' Jannar, 2016 il'quddiem ghar-rigward il-hsarat li kellha l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBR 017.

**Luke Farrugia** jghid li fis-sena 2016, huwa safa' aggredit minn tlieta minn nies fuq allegazzjoni ta' manuvra hazina bil-karozza tieghu. Jispjega li dawn it-tliet minn nies ghalqu t-triq bil-vettura Ford Transit, nizlu mill-vettura u ppruvaw jagredixxu lil Luke Farrugia b'sikkina. Luke Farrugia pprova jahrab u fir-rassa li qamet bejnu u dawn it-tliet minn nies, irnexxielu jahtaf is-sikkina, bl-intenzjoni li jmur jirraporta l-Ghassa. Fil-pront, gew il-Pulizija tal-ALE. Jispjega li peress li dawn it-tlieta minn nies waqfu bil-vettura taghhom f'daqqa, Luke Farrugia ma setax jevita milli jolqot din il-vettura u jaghmel hsara lill-bumber. Izid pero' li l-ammont ta' €6573.11 m'hijiex somma dovuta stante li hija somma eccessiva. Jikkonferma li huwa qatt ma kien iltaqa' ma Altlas Abdullah stante li lanqas biss kien prezenti waqt dan l-akkadut.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li l-konvenut Luke Farrugia kien involut f'incident li tieghu sussegwentement gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) u nstab hati li ghamel hsara fuq il-vettura appartenenti lill-attur Abdullah Atlas, DBR 017. Illi l-attur jghid li huwa kellu jhallas l-ammont ta' sitt elef hames mija tlieta u sebghin Ewro u hdax il-

centezmu (EUR 6573.11) biex jirranga din il-vettura. Min-naha tieghu il-konvenut Luke Farrugia jghid li dawn l-ispejjez huma esagerati u ghalhekk huwa m'ghandu qatt ikun ikkundannat ihallas dan l-ammont. Illi rigward dan l-aspett il-konvenut qatt ma ressaq provi biex juri li effettivament dan l-ammont huwa wiehed esagerat u ma jimmeritax li jigi milqugh mill-Qorti. Min-naha tieghu l-attur tella' bhala xhieda lil Sandro Gatt li kkonferma li rcieva l-ammont ta' Eur 4114 minghand l-attur sabiex jirranga l-vettura tieghu, il-Qorti taghti piz lil din ix-xhieda ghax jidher anke mill-istima konfermata li thallset mix-xhud hija wahda li hija datata vicin iz-zmien li fih sehh l-akkadut provokat mill-konvenut. L-istess ittellgha x-xhud Etienne Mizzi mill-attur li kkonferma li huwa thallas l-ammont ta' EUR 1416 minghand l-attur sabiex jaghmel it-tiswijiet mehtiega fuq il-vettura tal-attur. Illi l-attur pero' ma gabx prova li kellu jhallas ammont ulterjuri biex jikri karozza ohra l-perjodu kemm dam biex isewwi l-vettura tieghu.

Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-imputat tort tal-incident provokat mill-konvenut hallas l-ammont totali ta' hamest elef hames mija u tletin Ewro (EUR5530) biex jirranga l-vettura tieghu. Il-Qorti certament li ma tistax talloka inqas minn hekk u dan peress li ma tezisti l-ebda prova li tirrizulta li effettivament dan l-ammont huwa esagerat jew ikkalkulat b'mod zbaljat.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talba tal-attur limitatament ghall-ammont ta' hamest elef hames mija u tletin Ewro (EUR5530) u tikkundanna lill-konvenut Luke Farrugia jhallas lill-attur Abdullah Atlas is-somma ta' hamest elef hames mija u tletin Ewro (EUR5530), bl-ispejjez legali kollha kontra l-konvenut Luke Farrugia u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**